Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Chris Galea Scannura)

vs

Engak Khaled

Illum 25 ta’ Gunju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat fuq imsemmi li permezz taghha gie akkuzat talli fit-13 ta’ Ottubru, 2001 ghall-habta tal-10.00 ta’ filghodu b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja

kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati l-piena ta' prigunerija minn erba xhur ta' sena;

U ukoll talli bi hsara ta' Oxford House ghall-ammont ta' LM212, ghamel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel meta jinsab hati il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tlett xhur jew multa;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti l-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dan waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju 2002. Taqta u tiddeciedi illi, fuq ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, l-imputat huwa **hati** ta' l-istess imputazzjonijiet, u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat hallas l-ammont kollu dovut minnu lil John Galea, direttur ta' Oxford House Ltd, kif jirrizuta minn ircevuta u ittra iffirmata mill-istess John Galea esebita waqt is-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ghandu fedina penali netta. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx piena karcerarja bhala idonea ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata l-opportunita sabiex jirriforma ruhu, ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, filwaqt illi tilliberah tobbligah li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti tiddikjara li spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi ghal din is-sentenza.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur